**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 3 ta' Mejju 2021.**

**Rikors Nru. 850/2020 GM**

**L-Avukat Dottor Martina Farrugia (ID 255591M) bħala prokuratur speċjali tas-soċjeta` NT Bunkering AS**

**vs**

**Armada Voyager Four Co. Ltd (C-48219)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Avukat Dottor Martina Farrugia (ID 255591M) bħala prokuratur speċjali tas-soċjeta` NT Bunkering AS ta' Liimi 1, 10621 Tallinn, Estoniali li permezz tiegħu l-attriċi, wara li ppremettiet illi:

> Is-soċjeta` attriċi, li tissuplixxi prodotti ta' *marine fuel,* tat erba' provisti ta' *bunker fuels* lill-bastiment M/V Gobustan IMO Nru 9575321 proprjeta` tas-soċjeta` konvenuta.

Dawn il-provisti jammontaw għas-somma globali ta' mija ħamsa u ħamsin elf, sitt mija u ħamsa u ħamsin Dollaru Amerikan ($155,655) ekwivalenti għal mija tlieta u tletin elf mija u disgħa u għoxrin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€133,129.49) skont ir-rata tas-skambju hawn anness u mmarkat **DOK G2**. Il-fatturi relevanti fl-imkien mal-*Bunker Delivery Notes* u l-*Bunker Order Confirmation* relattivi huma hawn annessi u mmarkati bħala **DOK G3-G6.**

Skont il-fatturi annessi, kien hemm ħamsa u erbgħin (45) ġurnata żmien mill-ġurnata tal-ħruġ tal-istess fatturi sabiex il-fatturi jitħallsu. Illi dan iż-żmien skada u għalhekk dawn is-somom huma dovuti.

Skont it-termini u kundizzjonijiet tas-soċjeta` attriċi hawn annessi u mmarkati **DOK G7,** hija għandha titħallas penali amministrattiva ta' ħames mitt dollaru Amerikan ($500) meta jkun hemm dewmien fil-ħlas. Il-penali amministrattivi applikati għall-erba' fatturi, jammontaw għas-somma ta' elfejn Dollaru Amerikan ($2,000), ekwivalenti għal elf seba' mija u għaxar ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,710.57).

Dan ifisser li s-somma globali ta' mija erbgħa u tletin elf, tmien mija u erbgħin ewro u sitt ċenteżmi (**€134,840.06)** hija dovuta lis-soċjeta` attriċi.

Kif jidher mill-fatturi annessi, s-soċjeta` attriċi ikkuntrattat oriġinarjament mas-soċjeta` Turkija Palmali Gemicilik Ve Acentelik A.S, liema soċjeta` tifforma parti mill-Palmali Group of Companies flimkien mas-soċjeta` propjetarja tal-bastiment Armada Voyager Four Co. Ltd.

Minħabba l-fatt li l-Palmali Group of Companies kienu f'qagħda finanzjarja ħażina, iċ-*Chairman* tal-Grupp Mansimov Mubariz Gurbanoglu ffirma ittra ta' garanzija indirizzata lis-soċjeta` attriċi fejn rabat il-kumpaniji kollha tal-grupp **inkluż is-soċjeta` konvenuta**, solidalment bejniethom, għad-djun relatati mal-provista ta' bunkers lil bastimenti ta' Palmali Group.

Għalhekk s-soċjeta` konvenuta hija solidalment responsabbli għall-ħlas ta' dan l-ammont *ai termini* tal-garanzija maħruġa fil-15 ta' Mejju 2019 li taqra hekk:

> *'In case of bunkers provided to a Palmali vessel is not paid by due date and also not paid during additional time given for settlement by relative notice, all companies shall be responsible for the debit*

*jointly and severally, further NT Bunkering shall have a right to set-off all due amounts from charter-hire payable for MV Natig Aliyev, currently chartered by NT Bunkering.'*

Kopja tal-Garanzija hawn annessa u mmarkata **DOK G8.**

Manzimov Mubariz Gubranoglu li ffirma l-garanzija, huwa d-direttur, ir-rappreżentant legali u r-rappreżentat ġudizzjarju waħdieni tas-soċjeta` konvenuta skont estratt meħud mir-Registru tal-Kumpaniji hawn anness u mmarkat bħala **DOK G9.**

Is-soċjeta` attriċi interpellat lil Palmali Group diversi drabi sabiex iħallsu l-fatturi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf s-soċjeta` esponenti nomine, is-soċjeta` konvenuta m'għandha ebda eċċezzjoni valida x'tagħti in konnessjoni mat-talbiet attriċi.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tas-soċjeta` attriċi bid-dispensa tas-smigħ tar-rikors *ai termini* tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija erbgħa u tletin elf, tmien mija u erbgħin ewro u sitt ċenteżmi (€134,840.06) oltre l-imgħax legali mid-data indikata għall-ħlas fil-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż.

Rat li permezz ta' provvediment tal-5 t' Ottubru 2020, il-Qorti, b'applikazzjoni tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12, appuntat il-kawża għas-seduta tat-13 t'Ottubru 2020.

Rat illi wara diversi attentati, is-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni.[1]

Semgħet ix-xiehda tal-avukat Dr Martina Farrugia li kkonfermat bil-ġurament li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas mis- soċjetà konvenuta.

Rat in-nota tal-attriċi nomine li permezz tagħha ppreżentat ittra mingħand is-soċjeta` estera Luminor Liising AS. Permezz tagħha din is-soċjeta` tispjega li għamlet *factoring agreement* mas-soċjeta` attriċi biex tiġbrilha d-djun tagħha. L-ittra tgħid li jekk il-ħlas ma kienx isir fi żmien tletin ġurnata mid-data għall-ħlas indikata fil-fattura, ikun hemm *right of reassignment* lura lis-soċjeta` attriċi.[2]

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat is-subartikolu (1) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina, u tenut kont li l-ammont dovut fir-Rikors Maħluf ġie debitament irrikonfermat mill-attriċi nomine bil-ġurament tagħha u wara li rat id-dokumenti eżebiti, hi sodisfatta li l-attriċi ppruvat l-każ tagħha skont il-liġi.

---

[1] Fol 54
[2] Fol 63

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, skont l-Artikli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' mija erbgħa u tletin elf, tmien mija u erbgħin ewro u sitt ċenteżmi (€134,840.06) bl-imgħax legali mid-data indikata għall-ħlas fil-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA